# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Marzu 2001**

**Avviz.  numru 369/99**

**Numru 32**

**Lawrence Chetcuti**

**vs**

**Paul Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm325.00,0) ammont dovut mill-konvenut lilu wara inkariku ta' xoghol ta' pjanti maghmul minnu fuq istruzzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Frar 1999 u bl-interessi.

Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal a fol 7 tal-atti kif ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 9 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. L-intempestivita ta' l-azzjoni stante li kull pagament li, dato ma non concesso, kien dovut kellu jithallas hekk u meta l-izvilupp propost mill-konvenut jigi accettat mill-awtoritajiet koncernati, haga li sallum ghada ma sehhitx.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fit-tieni lok, ix-xoghol li sar mill-attur, ma kienx skond is-sengha u l-arti;

3. Illi l-ammont mitlub mill-attur huwa wiehed esagerat u mhux dovut fl-intier tieghu;

4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi hawnhekk, preliminarjament ser issir referenza ghar-rikors, presentat mill-konvenut fl-14 ta' Dicembru 2000, u ghad-digriet preliminari relattiv moghti fil-15 ta' Dicembru 2000, li permezz tieghu l-istess konvenut talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza stante li hu kien indispost kif risultanti mill-anness certifikat mediku waqt li l-Avukat Difensur kien quddiem Qorti ohra meta issejjhet din il-kawza fid-data msemmija. Jinghad li kieku l-fatti kienu hekk, din il-Qorti kienet tkun propensa sabiex takkolji t-talba in esami. Pero' a) sallum, ir-rikors in esami baqa' ma giex notifikat lill-attur ghar-risposta relattiva u difatti jidher li ma thallset ebda notifikata b) kif jidher a fol 10 u 45 tal-atti, fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2000, l-attur kien iddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduci u l-kaz gie differit ghall-11 ta' Lulju 2000 ghall-kontro esami tal-attur u ghall-provi tal-konvenut. Mill-istess verbal jidher li l-konvenut ma kienx deher. Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2000, il-konvenut rega' ma deherx u l-kaz gie differit ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut, ghall-5 ta' Dicembru 2000, fl-liema seduta l-konvenut ma kienx deher ghar-ragunijiet specifikati fl-istess rikors. Minn dan jidher li, f'zewg seduti, il-konvenut ma kienx deher u ghalhekk ma tarax kif tista' tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi dan premess, l-attur kien xehed (fol 42 et seq ibid) li hu jahdem bhala "draughtsman" kien issottometta, fuq inkarigu moghti lilu mill-konvenut

diversi disinji u pjanti stante li l-istess konvenut xtaq jippartecipa f'"tender governattiv" ossija "connections project" kif deskritt fl-istess xhieda (ara f'dan ir-rigward id-disinji ossija sitt pjanti esebiti in atti a fol 44). Mal-istess pjanti annessi l-attur esebixxa ukoll prospett dwar l-ammont pretiz minnu fl-avviz in konnessjoni max-xoghol esegwit "in toto" minnu stess. In rigward l-istess pjanti hu specifika li wahda minnhom ossija it-tieni wahda fuq l-imsemmi prospett, ma setax jesebiha ghax l-original kien f'idejn l-istess konvenut. L-attur issottolinea ulterjorment, li "ma kien hemm l-ebda ftehim li jekk ma jsehhx il-progett, jiena ma nithallasx. Ma kien hemm ebda ftehim dwar dan la verbalment u lanqas bil-miktub". Dwar ir-rata li a basi taghha kellu jinhadem l-kont relattiv ma kien hemm ebda ftehim. Pero', hu issottolinea li dan il-progett kien naqra "mghaggel" ghar-raguni risultanti mill-istess xhieda. Hu kompla jispjega li r-rata tvarja bejn Lm2 u Lm5 fis-siegha waqt li hu hadem il-kont relattiv a basi ta' Lm3 fis-siegha, rata li tidher ragjonevoli "arbitrio boni viri".

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dak premess, trid tigi akkolta t-talba attrici kif dedotta mill-avviz stante li irrisulta b'mod car li l-attur esegwixxa kollu kemm hu l-inkarigu moghti lilu mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm325 bl-imghax legali mill-5 ta' Frar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg